**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-26 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2015**
4. **Evalwazzjoni tas-sena 2014 u proġetti tal-Kunsilli Lokali għall-2015**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-26 Laqgħa tas-seba’ leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ħamis 18 ta’ Diċembru 2014 fil-5:30 ta’ filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:15 ta’ filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-25 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

1.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li fl-aħħar laqgħa ssemma' wkoll il-kwestjonarju mediku li kien se jiġi mqassam f'kull dar fil-lokalita'.

1.2.1 Spjegat kif il-kwestjonarju se jkun qiegħed jinġabar fil-Knisja Parrokjali, fil-Kunsill Lokali kif ukoll fl-ispiżeriji tal-lokal, u dan sal-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014.

1.3 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa rrimarka li trid tiġi aġġornata d-data ta' meta se ssir il-ħarġa għal Għawdex minħabba li din issa se ssir fit-3 ta' Jannar 2015 minħabba li fid-data msemmija mill-Kunsill Lokali fl-aħħar laqgħa se ssir attivita' oħra minn Soċjeta' Mużikali.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 27/2014, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 27/2014 – *Cultural Activities Scheme: Seminar.***

2.1.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li ngħatajna l-parir li ndaħħlu aktar l-aspett kulturali u artistiku sabiex ikollna aktar ċans li nieħdu l-fondi għal dan il-Festival.

2.1.2 Is-Sindku David Schembri qal li waqt din il-laqgħa għamel intervent sabiex juri d-diżappunt tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li ma konna nafu xejn meta ġew ir-rappreżentanti minn Leeuwarden, l-Olanda, rigward il-Valletta 2018.

2.2 Inqrat Memo 29/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 29/2014 – www.lc.gov.mt – Lista ta'**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Pagamenti.**

2.3 Inqrat Memo 30/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa.**

2.4 Inqrat Memo 31/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 31/2014 – Spejjeż għal Ġbir ta' Skart wara s-Swieq fil-Beraħ.**

2.5 Inqrat Memo 32/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 32/2014 – Spejjeż għal Servizzi speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali.**

2.6 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali.**

2.7 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – *Questionnaire on 'An evaluation of the current planning policies in relation to the Tourism and Leisure Industry – A case study of historic buildings of the Maltese Islands."***

2.8 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari mingħand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.**

2.9 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Residenti tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali.**

2.10 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Historic Buildings – Local Council Participation.***

2.11 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payscales* għas-sena 2015.**

2.12 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Onorarja għas-Sena 2015.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.13 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7.***

2.14 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for information regarding Council Employees Changes.***

2.15 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Officers on Security Duties – Very Urgent.***

2.16 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Leave planning for the year 2015.***

2.17 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 17/2014 –** ***Internet Connection with Melita.***

2.18 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kuntratti tal-ELC mal-Kunsilli Lokali.**

2.19 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kuntratti fuq** ***Landscaping*** **mal-Kunsilli Lokali.**

2.20 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 987/14 –** ***Bus shelter*** **quddiem dar residenzjali fil-Qrendi.**

2.21 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Margaret Grech għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Christmas Staff Parties, Christmas Cards and Gifts.***

2.22 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Seminar and Presentation Event of the Training Needs Analysis (TNA) Report – MT04/1.***

2.23 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Indicators Pilot Project – To develop 3 Performance Indicators.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.24 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***FYA – Circular 7/2014 – PQ 12838.***

2.25 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Robert Tabone għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Sessjoni ta' Informazzjoni – It-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014.**

2.26 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, Segretarju tal-Vot 16, bit-titlu ***Workshop* għall-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ preżenti u dawk li kienu qabel ukoll.**

2.27 Inqrat *e-mail*, mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 75/2014 – Konferenza ta' Ġurnata mill-*Management Efficiency Unit* fis-16 ta' Diċembru fid-Dolmen Resort Hotel.**

2.28 Inqrat *e-mail*, mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 76/2014 – Invit għall-*European Cycling Challenge 2015* mill-belt ta' Bologna.**

2.29 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Konferenza Annwali ta' ANSEK – 27 ta' Novembru 2014.**

2.30 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mill-Onorevoli Silvio Schembri bit-titlu ***Organisations List – Details.***

2.31 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Duncan Xuereb, Uffiċjal Agrikolu fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***Updated Records of Spraying of Palm Trees – July 2014-December 2014.***

2.32 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Lorraine Abela, Uffiċjal Agrikolu fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***Fig Tree Border Leaflet – Dissemination of Information.***

2.33 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Karl Bugeja, Uffiċjal fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru, bit-titlu **Kumpaniji tat-tindif.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.34 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Alex Cutajar, Koordinatur tal-Komunikazzjoni fis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu ***Invitation to Attend Launching of Disability Policy.***

2.35 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mill-MEUSAC, bit-titlu **'Nippromwovu l-Inklużjoni Attiva fl-Ewropa' – Laqgħa Pubblika mal-Ministru Helena Dalli.**

2.36 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 Project.***

2.37 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Daniela Melanie Borg minn Transport Malta, bit-titlu ***Seminar on Roadside Trees – Programme.***

2.38 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Vanessa Schembri minn Transport Malta, bit-titlu **RWP3-3519/14, RWP3-3520/14.**

2.39 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Doreen Portelli minn Transport Malta, bit-titlu ***List of New Roads.***

2.40 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu **Korteo *at Qrendi on the 14th December, 2014.***

2.41 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a procession in Qrendi.***

2.42 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Carol Camilleri minn Transport Malta, bit-titlu ***List of Clubs in Your Locality.***

2.43 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Claire Briffa, *Project Administrator* ma' Enemalta, bit-titlu ***Street Lighting in Alley 1,*** **Triq San Nikola – Qrendi.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Natalino Mallia, *T/Career Advisor* Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***St Benedict College – Career Exposure Experiences between 13th and 17th April 2015.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Muscat, Membru u Segretarju tal-i*Street Naming Committee – Malta*, bit-titlu **Tismija ta' Toroq.**

2.46 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Michael Debono bit-titlu **Miżura 313 – Ittra Uffiċjali.**

2.47 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur James Carabott mir-Residenza San Vinċenz De Paule, bit-titlu ***Volunteers – Early Christmas Eve Activity @ SVPR.***

2.48 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mill-Perit Manuel Zammit ta' Polidano Brothers Ltd., bit-titlu ***Performance Guarantee.***

2.49 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Nicky Sammut ta' Technoline, bit-titlu ***Automated External Defibrillator (AED) to your Local Council through*** **Reġjun Nofsinhar – Technoline.**

2.50 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Astrid Vella, Koordinatur tal-grupp Flimkien għal Ambjent Aħjar, bit-titlu ***Trees Public Seminar Wed 3 & Thurs 4 December.***

2.51 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Jessica Schembri, Uffiċjali tas-Servizzi fil-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', bit-titlu **Messaġġ tat-Tfal 2014.**

2.52 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Daniel Magri mill-Maltapost, bit-titlu **Servizz tal-*Mobile Post Office.***

2.53 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Vouchers for free bags.***

2.54 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Farrugia, Uffiċjal tal-Edukazzjoni ma' WasteServ, bit-titlu ***Carbon Footprint Tool for Waste Management in Europe.***

2.55 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Olivia Bugeja, *Data Executive Officer* ma' WasteServ, bit-titlu ***Operating Hours – Wasteserv Malta Ltd.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.56 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Maria Zahra bit-titlu ***Training Funds (TAF2) – Deadline to apply 18 December 2014.***

2.57 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri, Direttur ta' M Quip Co. Ltd., bit-titlu ***M Quip/Info Totem.***

2.58 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sur Joseph Debattista, Segretarju Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ktieb, bit-titlu **ISBN.**

2.59 Inqrat *e-mail*, mibgħuta mis-Sa. Roberta Caruana mis-Soċjeta' Mużikali Lourdes, bit-titlu **Attivitajiet Milied 2014.**

2.60 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, dwar it-tiżjin bid-dawl fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET TA' JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2015

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li Jum il-Qrendi se jinqasam f'żewġ attivitajiet partikolari: Ġieħ il-Qrendi u l-attivita' kulturali *Passa ai Tempi*.

3.2 **Ġieħ il-Qrendi 2015**

3.2.1 Tkellem dwar iċ-ċerimonja ta' Ġieħ il-Qrendi u qal li bħalissa diġa' ħarġu l-applikazzjonijiet sabiex ikunu nominati l-persuni u dawn l-applikazzjonijiet se jingħalqu nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2015.

3.2.2 Spjega kif il-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li ssir serata mużiko-letterarja fi-Ċentru Pastorali Parrokjali.

3.2.3 Fil-fatt, għal din is-serata, l-Professur George Cassar, il-Professur Raymond Mangion, flimkien mas-Sinjuri John Buttigieg u Nikol Aquilina, kollha aċċettaw li jieħdu sehem f'din is-serata.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.2.4 Fil-preżent għadna qed nistennew risposta mingħand l-aħwa Bezzina sabiex naraw jekk humiex se jieħdu sehem f'din is-serata mill-aspett mużikali.

3.2.5 Il-Viċi Sindku żied lis-Sur Keith Abela se jkun iċ-ċerimonier f'din is-serata u se jkun qiegħed jieħu ħsieb id-dettalji kollha.

3.3 **Jum il-Qrendi 2015**

3.3.1 Il-Viċi Sindku qal li l-quddiesa se ssir fil-Knisja Parrokjali fl-10am u wara jsir korteo sal-Monument tal-Gwerra.

3.3.2 Qal li Jum il-Qrendi se jiġi ċċelebrat il-Ħadd 22 ta' Frar 2015.

3.3.3 Dwar l-attivita' kulturali *Passa ai Tempi*, qal li din se tkun qiegħda tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-GAL Xlokk u se tkun qiegħda ssir fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

3.3.4 Kif iġib l-isem tal-istess attivita' kulturali, din se tkun tinvolvi l-passatempi tar-residenti u n-nies Qrendin.

3.3.5 Se tkun qiegħda ssir ukoll kompetizzjoni mal-istudenti u kollox se jkun sponsorjat, u għaldaqstant il-Kunsill Lokali mhu se jidħol fl-ebda spejjeż żejda.

3.3.6 'Il quddiem se nkunu qegħdin nitkellmu mas-Soċjetajiet Mużikali minħabba l-ikel waqt din l-attivita'.

3.4 Is-Sindku David Schembri spjega li l-loġistika tal-attivita' kollha kienet miftiehma mas-Sur Keith Abela.

3.4.1 Żied li hemm ix-xewqa li l-istudenti taż-żewġ skejjel li għandna fil-Qrendi jipparteċipaw bis-sħiħ fil-kompetizzjoni li se tkun organizzata għalihom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4. EVALWAZZJONI TAS-SENA 2014 U PROĠETTI TAL-KUNSILL LOKALI GĦALL-2015

4.1 Is-Sindku David Schembri qal lis-sena 2014 kienet sena impenjattiva ħafna.

4.2 Spjega kif fil-qasam infrastrutturali għadna qegħdin nistennew sabiex nirranġaw żewġ partijiet minn Triq it-Tempesta (quddiem il-*bus shelters*) minħabba li għadu joqgħod l-ilma.

4.3 Qal li matul din is-sena saret ukoll parti minn Triq il-Bali Guarena u għaldaqstant issa din it-triq hija kollha bit-tarmak.

4.4 Żied li Misraħ il-Maqluba u Triq Ħaġar Qim issa huma lesti minn kollox u l-proġetti li saru fihom huma prattikament konklużi.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li din iż-żona ingħatat spinta immedjata.

4.6 Tkellem ukoll dwar it-tindif li sar f'diversi żoni tal-lokal, b'mod speċjali fiż-żoni rurali, b'fondi mill-GAL Xlokk.

4.7 Qal li fadal ħafna xi jsir u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li matul l-2015 jibqgħu jsiru aktar proġetti ta' fejda għar-residenti u għal-lokalita' inġenerali.

4.8 Spjega kif wieħed sa mill-ewwel jiem tal-2015 se tkun qiegħda tiġi diskussa serjament l-possibilita' li l-latrina pubblika ta' Wied iż-Żurrieq tinbena mill-ġdid.

4.9 Qal li hemm ukoll il-wegħda li matul l-2015 se jiġi rranġat il-moll tad-Dikkiena, liema proġett se jkun qiegħed jieħu ħsiebu l-Gvern Ċentrali u ġej jiswa madwar €65,000.

4.9.1 Żied li l-ħadid tad-Dikkiena se jkun qiegħed jinbidel.

4.10 Jidher ukoll li bejn il-'ponta' u l-'ponot' jista' jiġi llixxat minħabba li fil-preżent huwa diffiċli ħafna sabiex timxi fuqu. Qal li s'issa hemm biss kliem fuq dan il-proġett u xejn fil-konkret.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.11 Fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq se jkun qiegħed jiġi wkoll restawrt it-Torri Xutu, restawr li għandu jibda mal-ewwel jiem tas-sena d-dieħla.

4.12 Is-Sindku tkellem dwar il-ħsieb tal-Kunsill Lokali li parti minn Triq il-15 t'Awwissu tiġi mogħtija wiċċ tarmak ġdid, u għaldaqstant qegħdin naraw l-istimi u l-baġit tal-Kunsill Lokali għas-sena li ġejja.

4.13 Qal li l-Kunsill Lokali għandu wkoll iħares lejn l-isqaqien fir-raħal (fiż-żona urbana), proġett li mhuwiex se jsir f'sena waħda, imma jieħu diversi snin.

4.14 Spjega kif hija wkoll xewqa tal-Kunsill Lokali li jiġu rranġati l-bandli, kemm dawk tal-Ġnien tal-Warda kif ukoll ta' Ġnien Nicolo' Communet.

4.14.1 Qal li mill-istima li għandu l-Kunsill Lokali jidher li dawn jiġu jiswew aktar minn €60,000.

4.15 Is-Sindku wiegħed li bħala Kunsill Lokali se nibqgħu naraw kif nistgħu nġibu aktar fondi mill-Unjoni Ewropea, u bħalissa għadu qiegħed jitfassal il-programm ta' fondi 2014-2020.

4.16 Tkellem ukoll dwar Triq il-Puniċi, proġett li suppost għandu jsir minn Transport Malta u għandna għalxiex nemmnu li dan il-proġett sabiex tinbena din it-triq, wasal biex jinbeda.

4.16.1 Qal li sa ċertu punt hija sorpriża kif s'issa din it-triq għadu ma bediex isir ix-xogħol fuqha.

4.16.2 Spjega kif ġaladarba titlesta' din it-triq, il-Kunsill Lokali jkun irid jieħu numru ta' deċiżjonijiet fuq l-immaniġġjar tat-traffiku, jekk issirx għamara tat-triq kif ukoll xi siġar li jikkumplimentaw dan il-proġett.

4.17 Is-Sindku tkellem ukoll dwar iċ-Ċimiterju tal-Ars u qal li matul is-sena d-dieħla dan iċ-ċimiterju se jingħata spinta qawwija 'l quddiem sabiex jiġi rranġat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

5.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar iċ-Ċimiterju tal-Ars u qal li l-kanċell ta' barra għandu bżonn jinbidel u minn stima li għandu l-Kunsill Lokali jidher li se jiġi jiswa madwar €350.

5.1.1 Is-Sindku ppropona li dan il-kanċell għandu jinbidel u l-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

5.1.2 Żied li f'dan iċ-ċimiterju hemm ħajt partikolari li jrid jitneħħa u warajh jitnaddaf mill-ħamrija sabiex tingħata dehra isbaħ lil dan il-lok.

5.1.3 Qal ukoll li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed iħallas biss tal-materjal li se jintuża' sabiex jiġi rranġat dan iċ-ċimiterju u l-persuni se jkunu provduti mid-Dipartiment tas-Saħħa u oħrajn fuq livell personali.

5.2 Is-Sindku David Schembri qal li llum tlesta' minn kollox il-fuljett il-ġdid tal-Kunsill, **Tiegħi, Tiegħek, Tagħna** u li dan se jibda jitqassam fid-djar tal-lokalita' minn għada l-Ġimgħa 19 ta' Diċembru.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza quddiem il-Knisja Parrokjali.

5.3.1 Qal li hemm bżonn lid-dawl ta' din l-istatwa jiġi rranġat u hemm bżonn ukoll li l-globi tal-bozoz li jdawru lil din l-istatwa jiġu mibdula minħabba li mhux kollha huma tal-istess għamla.

5.3.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li l-bozoz għandhom isiru kollha mill-ġdid, kif ukoll jinbidlu l-wires u l-holders.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar żjarat li saru minn membri tal-Kunsill Lokali barra mill-pajjiż matul l-aħħar xhur.

5.4.1 Qal li qiegħed jagħmel dan minħabba li kien hemm persuni li qalu li l-Kunsill

Lokali tal-Qrendi qiegħed jonfoq flus il-poplu fi żjarat barra l-pajjiż minflok għall-ġid tar-residenti.

5.4.2 Spjega kif fl-aħħar żjara li saret mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi f'Ficulle, l-Italja, kienu hu bħala Sindku, Charles Zerafa bħala Viċi Sindku u Chris Falzon bħala Segretarju Eżekuttiv li rrappreżentaw lill-Kunsill Lokali.

5.4.3 Żied li din iż-żjara ġiet tiswa lill-Kunsill Lokali €751.07 tal-passaġġi biss minħabba li ma tħallas xejn aktar mill-fondi tal-Kunsill.

5.4.4 Qal li saret żjara oħra fi Brussell, li kienet organizzata mill-Onorevoli Claudette Abela Baldacchino meta kienet MEP.

5.4.5 Spjega kif għal din iż-żjara kienu attendew iż-żgħażagħ Ryan Farrugia u Ishmael Xerri filwaqt lis-Sa. Stephania Grixti rrappreżentat lill-Kunsill Lokali.

5.4.6 Qal li għal din iż-żjara l-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda flus.

5.4.7 Is-Sindku spjega wkoll li huwa ntbagħat bħala rappreżentant tal-Gvern Malti fiċ-Ċina, liema żjara m'involviet l-ebda flus lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

5.4.8 Spjega wkoll dwar iż-żjara li l-Kunsill Lokali għamel f'Leeuwarden, l-Olanda.

5.4.9 Qal li għal din iż-żjara attendew hu bħala Sindku, Charles Zerafa (Viċi Sindku) u Chris Falzon (Segretarju Eżekuttiv).

5.4.10 Żied li għal din iż-żjara l-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda flus minħabba li kollox kien iffinanzjat min-naħa tal-Olandiżi.

5.4.11 Dwar iż-żjara ta' diversi membri fil-lokalita', f'Rovigo l-Italja.

5.4.12 Is-Sindku qal li kienu hu, s-Sa. Catherine Ciappara, is-Sur Raymond Farrugia, is-Sa. Catherine D'Amato flimkien mas-Sa. Betty Mallia li marru għal din iż-żjara li kienet organizzata mill-GAL Xlokk.

5.4.13 Qal li għal din iż-żjara l-Kunsill Lokali ma ħallas xejn minħabba li l-fondi

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

kienu kollha ġejjin mill-GAL Xlokk.

5.4.14 Fl-aħħarnett tkellem ukoll dwar iż-żjara tiegħu fil-Portugall fejn bħala persuna kien qiegħed jirrappreżenta lil-lokalitajiet tal-Qrendi, Mqabba u Ħal Luqa.

5.4.15 Din kienet *study visit* dwar il-proġett LEAP, u għal din iż-żjara l-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda fondi.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar it-*totem kiosk* li għandu jiġi nstallat fi Triq Rokku Buhagiar u qal li f'idejna għandna l-permessi kollha u nistennew li sal-ġimgħa d-dieħla jkollna d-dawl installat.

5.6 Tkellem ukoll dwar il-ktieb ippublikat mill-Professur Frans Ciappara, liema ktieb se jkun imnhiedi nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2015.

5.6.1 Qal li hemm bżonn naraw min se jieħu ħsieb l-aspett mużikali ta' din it-tnehdija.

5.6.2 Żied li hemm il-ħsieb li jsir riċeviment żgħir wara t-tnehdija.

5.6.3 Għaldaqstant se nkunu qegħdin nitkellmu mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex naraw jekk jistgħux jagħtu l-għajnuna tagħhom fis-*sound* li hemm bżonn għal din it-tnehdija kif ukoll għar-riċeviment.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar id-*defibrillator* li rċevejna mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar.

5.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar xi residenti li avviċinawh sabiex issir bozza fi Triq tal-Muddejn.

5.8.1 Qal li min-naħa tieghu spjega l-proċedura lil dawn ir-residenti u qalilhom li bħalissa l-Kunsill Lokali qiegħed jaħdem bis-sistema ta' *waiting list*.

5.8.2 Żied li dawn ir-residenti nfurmawh li huma lesti li din il-bozza jagħmluha minn flushom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.8.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li aħjar tintbagħat ittra jew *e-mail* minn dawn ir-residenti sabiex ikollna kollox bil-miktub, speċjalment li dawn lesti li jħallsu l-bozza minn flushom.

5.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ħarġiet kulturali organizzati mill-Kunsill Lokali.

5.9.1 Qal li l-attivitajiet li qegħdin isiru qegħdin jinżlu tajjeb mar-residenti u n-nies qegħdin jieħdu ħafna gost.

5.9.2 Is-Sindku rrimarka imma li ħafna drabi l-Kunsill Lokali qiegħed jorħoġ bit-telf minn dawn l-attivitajiet u dan minħabba l-*overheads*.

5.9.3 Qal li hemm żewġ rimedji għal din is-sitwazzjoni: jew il-prezz ikun aktar għoli sabiex dawn l-*overheads* jiġu koperti min-nies stess li jattendu għall-attivitajiet jew inkella l-Kunsillieri li jattendu jibdew joħorġu l-parti tagħhom.

5.9.4 Fil-fatt is-Sindku ppropona li meta Kunsillier jattendi għal ħarġa kulturali hu/hi għandu/ha j/tħallas tal-ħarġa, eskluż it-trasport.

5.9.5 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li b'addizjoni għal din il-proposta, hu jipproponi li meta jattendu l-ħaddiema klerikali tal-Kunsill Lokali dawn għandhom ikunu bla ħlas minħabba li dan ikun parti minn xogħolhom.

5.9.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposti tas-Sindku u l-Viċi Sindku.

5.10 Is-Sindku tkellem dwar l-*allowance* li jirċievi s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon minħabba l-grad akkademiku tiegħu.

5.10.1 Qal li ftit tal-jiem is-Segretarju Eżekuttiv gradwa b'Masters fil-Bioetika mill-Universita ta' Malta u għaldaqstant l-*allowance* fix-xahar għandha titla' mill-grad ta' Degree għall-grad ta' Masters.

5.10.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

5.11 Il-Viċi Sindku tkellem dwar proposti t'attivitajiet għall-2015.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.11.1 Ippropna li fi Frar issir ħarġa kulturali bħas-soltu, imbagħad f'Marzu jkun ideali li l-Kunsill Lokali għall-ewwel darba jorganizza *weekend break*. F'April imbagħad issir ħarġa kulturali oħra.

5.12 Il-Viċi Sindku tkellem dwar sinjali sofor fi Triq it-Torri kantuniera ma' Triq San Nikola.

5.12.1 Staqsa jekk dawn jistgħux isiru sabiex ineħħu l-inkonvenjenza meta karozza tiġi biex tmur minn triq għall-oħra.

5.12.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li dawn għandhom isiru.

## 6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €21,991.85c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/14 u €78.00c skont il-*Petty Cash* Ref R/11.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fil-5:30pm.

_______________________ _______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**